**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 37 – IT-TNEJN, 12 TA' JANNAR 2015 FIL-5.30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier (5.45pm) |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

## 1. Approvazzjoni Minuti Numru 36

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Dupuis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Neville Mallia ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Pagamenti Numru 32

2.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

Is-Sinjura Rita Saliba daħlet fil-laqgħa fis-5.45pm.

## 3 Korrispondenza

3.1 Kien hemm diskussjoni rigward talba minn FSWS-Sapport biex isir murial f'San Ġwann. Kien hemm qbil fuq dan.

3.2 Ġiet innutata korrispondenza rigward EU Solidarity Fund. Kien hemm qbil li din ma tapplikax għall-Kunsill ta' San Ġwann.

3.3 Ġiet diskussa talba mis-Sur Paul Borda biex jiġu riżervati żewġ spazji tal-parkeġġ biex issir wirja ta' karozzi għal sagħtejn. Kien hemm qbil li din it-talba tiġi aċċettata.

3.4 Ġiet diskussa skema fejn Kunsilli Lokali ġew mistiedna jipproponu proġetti kapitali fil-lokal tagħhom. Kien hemm qbil li napplikaw għal din l-iskema billi nipproponu li issir mil-gdid Triq il-Mensija.

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Kien hemm diskussjoni rigward korsijiet tal-kompjuter mat-TCTC għall-adulti. Il-ħlas huwa ta' 1100 Ewro. Ġie deċiż li wara li naraw kemm attendew is-sena l-oħra u jekk nivverikaw li marru ammont kbir dan il-course jsir.

4.2 Il-Kunsill iddiskuta l-email mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward in-negative working capital u r-risposta tas-Segretarju Eżekuttiv. Ġie innutat li dan in-negative working capital sar meta l-ħames kunsill għamel aktar minn 150,000 Ewro deficit f'sena waħda. Is-sitt u s-seba’ kunsill naqqas dan għal 32,000 Ewro. Is-sena 2013 ingħalqet b'surplus.

4.3 Is-Sur Etienne Bonello Dupuis tkellem fuq il-librara preżenti. Hu ddikjara li kien misinfurmat rigward il-ħidma tal-librara. Hu jħoss li hi qed tagħmel xogħol tajjeb u kkonferma mad-Dipartiment tal-Libreriji li fi żmien 8 xhur inħargu 5600 ktieb u reġgħu daħlu. Għalhekk hu qed jipproponi li d-deċiżjoni li tinbidel il-librara tiġi nulla. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm 2 favur (Etienne Bonello Dupuis u Dominic Cassar) 1 kontra (Marica Bayliss) u 3 astensjoni (Rita Saliba, Neville Mallia u Mikhail Micallef). Id-deċiżjoni għaddiet.

4.4 Is-Sindku talab biex tinkiteb ittra lil TM ħalli tigi mgħarrfa meta se jibdew ix-xogħlijiet ta' resurfacing li ser jagħmlu TM bħala preparamenti għall-devjazzjoni tat-traffiku meta jibda x-xogħol fuq il-flyover tal-Kappara. Kien hemm qbil fuq dan.

**5 Affarjiet oħra**

5.1 Is-Sur Neville Mallia nforma lill-Kunsill li hu lest jerġa’ jokkopa l-kariga tiegħu ta' tabelli u sinjali. Hu rringrazzja lis-Sur Dominic Cassar talli ħa ħsieb sakemm irkupra mill-kas li kellu.

5.2 Is-Sinjura Marica Bayliss infurmat lill-Kunsill li se tattendi għal-laqgħa fuq l-iskema tas-Celiac Vouchers fit-13 ta' Jannar 2015 b’rizervi diversi. Hi għandha tinforma lill-Kunsill fuq dan. Hi ġabet għall-attenzjoni li l-Għaqda Wirt San Ġwann jixtiequ jiltaqgħu mal-Kunsill. Ġie deċiż li nistaqsuhom biex jiġu nhar it-Tnejn, 26 ta' Jannar fil-5.30pm. Kien hemm diskussjoni fuq il-un/loading bay li ċċaqalqet fil-parti ta' fuq ta' Triq Bella Vista. Ġie innutat li hemm ħanut li din il-bay għamilha tiegħu. Ġie deċiż li tinkiteb ittra lil TM (li kienu huma li ghamlu din il-loading bay) rigward din is-sitwazzjoni. Is-Sinjura Bayliss staqsiet jekk GreenPak ikkomunikawx fuq l-inċident li kien hemm bi skip fuq karozza u fuq il-ħajt tal-masġar. Kien hemm risposta negattiva. Gie deciz li hi terga taghmel kuntatt maghhom.

5.3 Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li twaħħlu n-No Entry Signs fi Triq Willie Apap, fejn din issa ġiet One Way. Hu ta rendikont tal-bozoz li tbiddlu matul is-sena 2014. Is-Sur Cassar ippreżenta ritratti fejn hemm ħaxix twil taħt il-bankini f'diversi toroq f'San Ġwann. Ġie deċiż li tinkiteb ittra lill-kuntrattur biex jiġi ndirizzat dan in-nuqqas sa mhux aktar tard mill-ahhar tax-xahar.

5.4 Is-Sur Mikhail Micallef ippropona li tiġi organizzata attività għall-Ġimgħa l-Kbira fil-masġar taż-żebbuġ. Kien hemm qbil fuq dan.

5.5 Kien hemm diskussjoni rigward ir-rotot tal-linja li twaqqfu u li huma mitluba mir-residenti. Dawn huma l-42 li kienet titlaq mill-belt u twassal għal monti Birkirkara u s-65 li kienet titlaq min tas-sliema u twassal ghar-Rabat. Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lil TM rigward dawn.

## 6 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fis-6.35pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 26 ta' Jannar 2015 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**